REPUBBLIKA TA' MALTA

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

14,479 | It-Tlieta, 24 ta' Settembru, 1985 / Tuesday, 24th September, 1985 | Prezz 4c / Price 4c

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 565

### ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 92)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artiklu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Mario Louis Felice, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Marthese Felice, LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer.

It-13 ta' Settembru, 1985

Nru. 566

### AWTORITA' TAD-DJAR

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 548 tad-29 ta' Ġunju, 1984, il-Biċċa Art li ġejja għandha tiġi kunsidrata bħala li ma ġietx pubblikata fl-imsemmija Notifikazzjoni tal-Gvern u għandha titqies li ġiet pubblikata fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 373 tas-7 ta' Ġunju, 1985:—

Il-GUDJA (TA' XLEJLI)

Biċċa Art Nru. 46 b'faċċata ta' 7.5m — Lm26 ċens fis-sena (Skema I).

L-24 ta' Settembru, 1985
(H.O.S. 641/84)

## GOVERNMENT NOTICES

No. 565

### NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CHAPTER 92)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Mario Louis Felice, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Marthese Felice, LL.D., during the latter's absence from these Islands.

13th September, 1985

No. 566

### HOUSING AUTHORITY

WITH reference to Government Notice No. 548 dated 29th June, 1984, the following Plot is to be considered as not having been published in the said Government Notice and is to be considered as having been published in Government Notice No. 373 dated 7th June, 1985:—

GUDJA (TA' XLEJLI)

Plot No. 46 with 7.5m frontage — Lm26 per annum ground-rent (Scheme I).

24th September, 1985

Nru. 567

**ATT TA' L-1981 DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET**

**Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati**

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:—

(1) ISEM L-APPLIKANT
Carmel Bajada, Karta ta' Identità Nru. 67854(G), li joqgħod is-Sannat, Għawdex.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
21, Triq Seguna, is-Sannat, Għawdex, kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 117/85 (Gozo))

(2) ISEM L-APPLIKANT
Carmel Bajada, Karta ta' Identità Nru. 67854(G), li joqgħod is-Sannat, Għawdex.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
L-utile dominju perpetwu ta' porzjoni diviża mill-art imsejħa "Ta' Dun Luqa" sive "Ta' Durell" fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' tliet mija erbgħa u ħamsin metru kwadru (354m²) kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 118/85(Gozo))

(3) ISEM L-APPLIKANT
Carmel Cassar, Karta ta' Identità Nru. 85383 (M), li joqgħod is-Sannat, Għawdex.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
Art formanti parti mit-territorju "Ta' Durell" sive "Ta' Dun Luqa", fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' mitejn disgħa u tletin metru kwadru (239m²), kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 119/85(Gozo))

(4) ISEM L-APPLIKANT
Margaret Cassar, Karta ta' Identità Nru. 580082(M), li toqgħod is-Sannat, Għawdex.

*Deskrizzjoni ta' l-art li se tiġi Reġistrata*
Art "Ta' Durell" sive "Ta' Dun Luqa", fil-limiti tas-Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' tliet mija tlieta u għoxrin metru kwadru (323m²), kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 121/85(Gozo))

No. 567

**LAND REGISTRATION ACT, 1981**

**Notice of intention to Register Titles to Land**

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:—

(1) APPLICANT'S NAME
Carmel Bajada, Identity Card No. 67854(G), residing at Sannat, Gozo.

*Description of Land to be Registered*
21, Triq Seguna, Sannat, Gozo, as shown on the plan annexed to the application.

(2) APPLICANT'S NAME
Carmel Bajada, Identity Card No. 67854(G), residing at Sannat, Gozo.

*Description of Land to be Registered*
The perpetual utile dominium of a divided portion of land known as "Ta' Dun Luqa" sive "Ta' Durell" in the limits of Sannat, Gozo, measuring three hundred and fiftyfour square metres (354m²), as shown on the plan annexed to the application.

(3) APPLICANT'S NAME
Carmel Cassar, Identity Card No. 85383(M), residing at Sannat, Gozo.

*Description of Land to be Registered*
The land forming part of the territory "Ta' Durell" sive "Ta' Dun Luqa", in the limits of Sannat, Gozo, measuring two hundred and thirtynine square metres (239m²), as shown on the plan annexed to the application.

(4) APPLICANT'S NAME
Margaret Cassar, Identity Card No. 580082 (M), residing at Sannat, Gozo.

*Description of land to be Registered*
Land "Ta' Durell" sive "Ta' Dun Luqa" in the limits of Sannat, Gozo, measuring three hundred and twentythree square metres (323m²), as shown on the plan annexed to the application.

(5) ISEM L-APPLIKANT
Horst Carstens, Passaport Nru. 4165264 li joqgħod il-Ġermanja tal-Punent.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
*Flat* bla numru u bla isem, fit-tieni sular fix-Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex, kif muri fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 123/85 (Gozo) )

(5) APPLICANT'S NAME
Horst Carstens, Passport No. 4165264, residing in West Germany.

*Description of land to be Registered*
An unnumbered and unnamed Flat on the second floor in Xlendi, limits of Munxar, Gozo, as shown on the plan annexed to the application.

(6) ISEM L-APPLIKANT
In-Nutar Dott. John Cachia Zammit għan-nom ta' Ludgardo Gatt, Karta ta' Identità Nru. 64946(G), li joqgħod il-Munxar, Għawdex.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
'Villa Marni', fi triq ġdida bla isem fix-Xlendi, fil-limiti tal-Munxar, Għawdex, kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 125/85 (Gozo) )

(6) APPLICANT'S NAME
Notary Dr. John Cachia Zammit on behalf of Ludgardo Gatt, Identity Card No. 64946(G), residing at Munxar, Gozo.

*Description of Land to be Registered*
'Villa Marni', in a new unnamed road in Xlendi, in the limits of Munxar, Gozo, as shown on the plan annexed to the application.

(7) ISEM L-APPLIKANT
In-Nutar Dott. Joseph Spiteri għan-nom ta' Saviour Brincat, Karta ta' Identità Nru. 731128(M), li joqgħod Santa Lucia.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
Art 'Tal-Qsajjem' f'Misraħ Kola, Ħ'Attard, tal-kejl ta' mitejn erbgħa u erbgħin metru kwadru (244m²), kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 1016/85)

(7) APPLICANT'S NAME
Notary Dr. Joseph Spiteri on behalf of Saviour Brincat, Identity Card No. 731128(M), residing at Santa Lucia.

*Description of Land to be Registered*
Land 'Tal-Qsajjem' at Misraħ Kola, Attard, measuring two hundred and fortyfour square metres (244m²), as shown on the plan annexed to the application.

(8) ISEM L-APPLIKANT
In-Nutar Dott. John Debono għan-nom ta' Antonio Camilleri, Karta ta' Identità Nru. 395129(M), li joqgħod il-Mellieħa, u oħrajn.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
53, Triq it-Tramuntana, il-Mellieħa, kif muri fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 1017/85)

(8) APPLICANT'S NAME
Notary Dr. John Debono on behalf of Antonio Camilleri, Identity Card No. 395129(M), residing at Mellieħa, and others.

*Description of Land to be Registered*
53, North Street, Mellieħa, as shown on the plan annexed to the application.

(9) ISEM L-APPLIKANT
In-Nutar Dott. Anthony Attard għan-nom ta' Hard Rock Limited, Numru ta' Reġistrazzjoni C 2865.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
L-utile dominju perpetwu tal-Biċċa Art Nru. 4 mill-art 'Ta' l-Idward', f'Misraħ Kola, Ħ'Attard, tal-kejl ta' mija ħamsa u sebgħin metru kwadru (175m²), kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.RA. 1018/85)

(9) APPLICANT'S NAME
Notary Dr. Anthony Attard on behalf of Hard Rock Limited, Registration No. C 2865.

*Description of Land to be Registered*
The perpetual utile dominium of Plot No. 4 of the land 'Ta' l-Idward', at Misraħ Kola, Attard, measuring one hundred and seventyfive square metres (175m²), as shown on the plan annexed to the application.

(10) ISEM L-APPLIKANT
In-Nutar Dott. Anthony Attard għan-nom ta' Hard Rock Limited, Numru ta' Reġistrazzjoni C 2865.

*Deskrizzjoni ta' l-art li se tiġi Reġistrata*
L-utile dominju perpetwu tal-Biċċa Art Nru. 14 mill-art 'Ta' l-Idward', f'Misraħ Kola, Ħ'Attard, tal-kejl ta' mitejn sebgħa u erbgħin metru kwadru (247m²), kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(L.R.A. 1019/85)

(11) ISEM L-APPLIKANT
In-Nutar Dott. Anthony Attard għan-nom ta' Hard Rock Limited, Numru ta' Reġistrazzjoni C 2865.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*
L-utile dominju perpetwu tal-Biċċa Art Nru. 19 mill-art 'Ta' l-Idward', f'Misraħ Kola, Ħ'Attard, tal-kejl ta' mitejn tnejn u sittin metru kwadru (262m²), kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

(LR.A. 1020/85)

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Valletta.

Jekk ma tiġix depożitata miegħi (fir-Reġistru ta' l-Artijiet) kawżjoni kontra l-ewwel reġistrazzjoni qabel ma jgħaddu tletin (30) jum minn din id-data, jien nipproċedi billi nirreġistra t-titoli ta' l-art. Fi żmien qasir jinħareġ ċertifikat ta' titolu f'isem l-applikanti msemmija hawn fuq.

Dott. A. Micallef Trigona, LL.D.
*Reġistratur ta' l-Artijiet.*

L-24 ta' Settembru, 1985

(10) APPLICANT'S NAME
Notary Dr. Anthony Attard on behalf of Hard Rock Limited, Registration No. C 2865.

*Description of land to be Registered*
The perpetual utile dominium of Plot No. 14 of the land 'Ta' l-Idward', at Misraħ Kola, Attard, measuring two hundred and fortyseven square metres (247m²), as shown on the plan annexed to the application.

(11) APPLICANT'S NAME
Notary Dr. Anthony Attard on behalf of Hard Rock Limited, Registration No. C 2865.

*Description of land to be Registered*
The perpetual utile dominium of Plot No. 19 of the land 'Ta' l-Idward' at Misraħ Kola, Attard, measuring two hundred and sixtytwo square metres (247m²), as shown on the plan annexed to the application.

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 116, West Street, Valletta.

If a caution against first registration is not lodged with me (at the Land Registry) before the expiration of thirty (30) days from the date of this notice, I shall proceed to register titles to the land. In due course a certificate of title shall be issued in the above-mentioned applicants' names.

Dr A. Micallef Trigona, LL.D.
*Land Registrar.*

24th September, 1985

**Nru. 568**

**ATT TA' L-1981 DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 350 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Mejju, 1985, l-isem ta' l-applikant "Carmen Briffa" huwa kanċellat u sostitwit bl-isem "Rita Grech".

(L.R.A. 444/85)

L-24 ta' Settembru, 1985

**No. 568**

**LAND REGISTRATION ACT, 1981**

WITH reference to Government Notice No. 350 published in Government Gazette dated 21st May, 1985, applicant's name "Carmen Briffa" is to be cancelled and substituted by the name "Rita Grech".

24th September, 1985

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' ĦXEJJEX U FROTT FRISK

*(Regolamenti ta' l-1952 dwar il-Bejgħ ta' Prodotti Agrikoli)*

### Ordni Nru. 135

L-Aġent Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom ħxejjex u frott prodotti lokalment jistgħu jinbiegħu lill-konsumatur, għandhom, b'seħħ mis-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, it-23 ta' Settembru, 1985, u sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:—

## MAXIMUM PRICES OF FRESH VEGETABLES AND FRUIT

*(Agricultural Produce (Marketing) Regulations, 1952)*

### Order No. 135

The Acting Director of Trade notifies that the maximum prices at which the following locally produced vegetables and fruit may be sold to the consumer, shall, with effect from 2.00 p.m. on Monday, 23rd September, 1985, and until further Order, be as follows:—

| S.I.T.C. Nru.<br>S.I.T.C. No. | Oġġett<br>Item | Piż<br>Unit | Lill-Konsumatur<br>To Consumer |
|---|---|---|---|
| 054110 | Patata Lokali<br>*Local Potatoes* | kull kg<br>*per kg* | 15c0 |
| 054599 | Ħass (twil)<br>***Lettuce*** | kull kg<br>*per kg* | 21c0 |
| 054599 | Pastard *(snowball)* bil-weraq<br>*Cauliflowers (snowball) untrimmed* | kull kg<br>*per kg* | 17c0 |
| 054599 | Karrotti (imqaċċta)<br>*Carrots (trimmed)* | kull kg<br>*per kg* | 17c0 |
| 054599 | Kaboċċi<br>*Cabbages* | kull kg<br>*per kg* | 23c0 |
| 054599 | Basal (imqaċċat)<br>*Onions (trimmed)* | kull kg<br>*per kg* | 6c0 |
| 054599 | Tadam<br>*Tomatoes* | kull kg<br>*per kg* | 24c0 |
| 054599 | Qara' Aħmar<br>*Pumpkins* | kull kg<br>*per kg* | 11c0 |
| 054599 | Brunġiel<br>*Eggplant* | kull kg<br>*per kg* | 12c0 |

L-Ordni tal-Prezzijiet Nru. 15 tal-25 ta' Frar, 1983, ma japplikax għall-frott frisk u ħxejjex prodotti lokalment li mhumiex fil-lista ta' hawn fuq.

L-Ordni tal-Prezzijiet Nru. 132 tat-Tlieta, is-17 ta' Settembru, 1985, huwa b'dan imħassar.

L-24 ta' Settembru, 1985

Price Order No. 15 of 25th February, 1983, shall not apply to items of locally produced fresh fruits and vegetables not listed above.

Price Order No. 132 of Tuesday, 17th September, 1985, is hereby repealed.

24th September, 1985

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' VETTURI BIL-MUTUR

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 136**

L-Aġent Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom it-tipi ta' vetturi bil-mutur li ġejjin jistgħu jinbiegħu, għandhom ikunu kif ġej:—

## MAXIMUM PRICES OF MOTOR VEHICLES

*(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)*

**Order No. 136**

The Acting Director of Trade notifies that the maximum prices at which the following types of motor vehicles may be sold, shall be as follows:—

| Tip<br>*Type* | Nru. tax-Chassis<br>*Chassis No.* | Prezz lill-Pubbliku<br>*Price to Public*<br>Lm |
|---|---|---|
| MERCEDES BENZ | | |
| 190D | WDB201122.2F.127285 | 8235 |
| FORD | | |
| Sierra 1300L 5 door | 65392/65393/65394/65397 | 3867 |
| Escort 1100L 5 door | 33140/33141/33138/33139/ 33113 | 3273 |
| Fiesta 957cc Popular Plus | 53182/53208/53183/53185/ 53187/53198/43445 | 3089 |
| PEUGEOT | | |
| 205 GL Saloon, 1124cc, rear window wiper, radio pre equip., rear safety belts, leatherette upholstery, side indicator lamps | 5901303/5902553/5903562 | 3504 |
| 305 SRD Saloon, 1769cc elec. front windows, central door locks, power steering, metallic | 9548481/9548585 | 5713 |
| 305 SRD Saloon, 1769cc, power steering, elec. sunroof, metallic | 9547316 | 5742 |
| 305 GR Saloon 1580cc | 9547059 | 4793 |
| 305 GLD Estate, 1769cc, 5 speed gearbox, rear wash/wipe, rear safety belts, power steering, radio pre-equip., side indicator lamps, clock, remote control, mirrors, rubber side trims, heavy duty battery | 9546872 | 5211 |
| 305 SRD Estate, 1769cc, power steering | 9546839 | 5920 |
| 305 GT Saloon 1580cc, power steering, elec. front windows, central door locks | 9546579 | 5386 |

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

L-24 ta' Settembru, 1985
(SITC No. 732110)
(DT 3/4/83)

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

24th September, 1985

## MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS AND CULTURE

### Roumanian Scholarship

The Government of the Socialist Republic of Roumania is offering a scholarship to a Maltese citizen who wishes to follow a course of studies in Roumania.

Further information regarding this scholarship is available for perusal at Room 15, Ministry of Foreign Affairs and Culture, Merchants Street, Valletta.

*Application*

Application forms for the said scholarship are obtainable at the above-mentioned office and are to reach the Ministry of Foreign Affairs and Culture, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Wednesday, 2nd October, 1985. Applications from Government and Parastatal employees will not be considered unless recommended by their Head of Department.

Late applications will not be considered.

*Obligation*

Nominated candidates will be required to sign an undertaking to return to Malta on completion of studies and to be available to serve the Government of Malta.

24th September, 1985

---

## DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET

**Id-Direttur tax-Xogħlijiet igħarraf illi:—**

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-26 ta' Settembru, 1985, f'dan l-Uffiċċju jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:—

Kwot. Nru. 72/85. Provvista ta' Apparat li Jiddetermina s-*Softening Point* tal-Qatran.

Kwot. Nru. 73/85. Tħaffir ta' Trinek tad-Drenaġġ fil-Qawra (B) (Lm1,000).

**Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-10 ta' Ottubru, 1985, f'dan l-Uffiċċju jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:—**

* Kwot. Nru. 75/85. Xiri ta' *Heavy Duty Electro Pneumatic Rotary Hammer* għat-Tieni Distrett.

* Kwot. Nru. 76/85. Xiri ta' Makna li Taqta' l-Metall għad-Distrett ta' Għawdex.

*** Avviżi/kwotazzjonijiet li qed jidhru għall-ewwel darba.**

Il-formoli tal-kwotazzjoni u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tax-Xogħlijiet, Blokk Ċ, Beltissebħ, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-24 ta' Settembru, 1985

## WORKS DEPARTMENT

**The Director of Works notifies that:—**

Sealed quotations will be received at this Office up to 11.00 a.m. on Thursday, 26th September, 1985, for:—

Quot. No. 72/85. Supply of Apparatus to Determine the Softening Point of Bitumen.

Quot. No. 73/85. Sewer Trench Excavation at Qawra (B) (Lm1,000).

**Sealed quotations will be received at this Office up to 11.00 a.m. on Thursday, 10th October, 1985, for:—**

* Quot. No. 75/85. Purchase of a Heavy Duty Electro Pneumatic Rotary Hammer for 2nd District.

* Quot. No. 76/85. Purchase of Metal Cutting Machine for Gozo District.

*** Advertisements/quotations appearing for the first time.**

Forms of quotation and further information may be obtained from the Office of the Works Department, Block C, Beltissebħ, on any working day during office hours.

24th September, 1985

## UFFIĊĊJU TAT-TEŻOR

L-*Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti javża illi: —

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Settembru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 507. Provvista ta' xgħir lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 518. Provvista ta' *leak noise correllator* lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet ta' l-Ilma.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 481. Provvista ta' *automatic glove conditioner* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 509. Provvista ta' *track pin press group* lit-Taqsima tat-Tiswija u Manutenzjoni ta' l-Impjanti, Kalafrana.

Avviż Nru. 510. Provvista ta' *cardiac monitors* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 511. Provvista ta' materjal tal-*welding* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 519. Kiri ta' *bowser* biex jitnaddfu l-fosos f'Għawdex matul l-1986 — Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 522. Provvista ta' patata lill-Isptarijiet u Istituzzjonijiet ta' Malta — Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 523. Kiri ta' żewġ gafef bil-ktajjen/roti lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 524. Kiri ta' tliet gafef bir-roti lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 530. *Upgrading* tas-swali tan-nisa Nri. 9-10 fl-Isptar Monte Karmelu — Dipartiment tas-Saħħa. (Jitħallas dritt ta' 50 ċenteżmu għal kull dokument ta' l-offerta).

Avviż Nru. 531. Kiri ta' gaffa bir-roti lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 532. Kiri ta' żewġ gafef/*bulldozers* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 536. Tmexxija ta' *tuck shops* fl-Iskejjel Sekondarji, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Avviż Nru. 538. Kiri ta' *bowser* biex jitbattlu l-fosos fil-Mellieħa matul l-1986 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 539. Kiri ta' *bowser* biex jitbattlu l-fosos fil-Mosta matul l-1986 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 540. Kiri ta' *bowser* biex jitbattlu l-fosos fir-Rabat u l-inħawi tal-viċin matul l-1986 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

## THE TREASURY

The Accountant General and Director of Contracts notifies that:—

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on THURSDAY, 26th September, 1985, for:—**

Advt. No. 507. Supply of barley to the Department of Health.

Advt. No. 518. Supply of a leak noise correlator to the Water Works Department.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on TUESDAY, 1st October, 1985, for:—**

Advt. No. 481. Supply of automatic glove conditioner to the Department of Health.

Advt. No. 509. Supply of track pin press group to the Plant Repair and Maintenance Section, Kalafrana.

Advt. No. 510. Supply of cardiac monitors to the Department of Health.

Advt. No. 511. Supply of welding material to the Department of Health.

Advt. No. 519. Hire of one bowser for the emptying of cesspits in Gozo during 1986 — Department of Health.

Advt. No. 522. Supply of potatoes to the Malta Hospitals and Institutions — Department of Health.

Advt. No. 523. Hire of two mechanical track/wheeled shovels to the Department of Health.

Advt. No. 524. Hire of three mechanical wheeled shovels to the Department of Health.

Advt. No. 530. Upgrading of female wards 9-10 at Mount Carmel Hospital — Department of Health. (A fee of 50 cents will be charged for each tender document).

Advt. No. 531. Hire of one mechanical wheeled shovel to the Department of Health.

Advt. No. 532. Hire of two track shovels/bulldozers to the Department of Health.

Advt. No. 536. Running of tuck shops in Secondary Schools, Department of Education.

Advt. No. 538. Hire of one bowser for the emptying of cesspits at Mellieħa during 1986 to the Department of Health.

Advt. No. 539. Hire of one bowser for the emptying of cesspits at Mosta during 1986 to the Department of Health.

Advt. No. 540. Hire of one bowser for the emptying of cesspits at Rabat and surrounding areas during 1986 to the Department of Health.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 490. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 30 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 491. Provvista ta' *monitor* b'*defibrillator* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 497. Provvista ta' deterġent *one shot* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 498. Provvista ta' *central suction unit* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 499. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 41 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 500. Provvista ta' diżinfettanti Nru. 2 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 520. Provvista ta' pajpijiet ta' ħadid li jitgħawweġ u *fittings* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 521. Provvista ta' *bituminous waterproofing membrane* lid-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 541. Bini ta' *Assembly Hall* fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet taż-Żejtun (Stima: Lm10,000) — Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Avviż Nru. 542. Bini ta' ħajt li jdawwar l-Iskola tas-Snajja' tal-Bniet ta' St Andrews (Stima: Lm4,788) — Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 512. Provvista ta' *anaerobic generating kits* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 513. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 27 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 514. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 31 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 525. Provvista ta' stokk u ħġieġ 1986 lid-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali.

Avviż Nru. 526. Provvista ta' *kits* biex jingħaraf *human T-Lymtotropic virus type* 3 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 527. Provvista ta' *enzyme immuno assay kits* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 528. Provvista ta' ġibs u żebgħa tal-*blackboard* lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Avviż Nru. 533. Stampar ta' biljetti tat-Tombla — Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

Avviż Nru. 535. Provvista ta' tagħmir tal-*photopolymer* lit-Taqsima tat-Tagħrif.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on THURSDAY, 3rd October, 1985, for:—**

Advt. No. 490. Supply of pharmaceuticals No. 30 to the Department of Health.

Advt. No. 491. Supply of a monitor with defibrillator to the Department of Health.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on TUESDAY, 8th October, 1985, for:—**

Advt. No. 497. Supply of one shot detergent to the Department of Health.

Advt. No. 498. Supply of a central suction unit to the Department of Health.

Advt. No. 499. Supply of medical and surgical equipment No. 41 to the Department of Health.

Advt. No. 500. Supply of disinfectants No. 2 to the Department of Health.

Advt. No. 520. Supply of ductile iron pipes and fittings to the Central Supplies Section.

Advt. No. 521. Supply of bituminous waterproofing membrane to Government Departments and Parastatal Bodies.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on THURSDAY, 10th October, 1985, for:—**

Advt. No. 541. Construction of an Assembly Hall at Girls' Secondary School, Żejtun (Estimate: Lm10,000) — Department of Education.

Advt. No. 542. Construction of a boundary wall at Girls' Trade School, St Andrews (Estimate: Lm4,788) — Department of Education.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on TUESDAY, 15th October, 1985, for:—**

Advt. No. 512. Supply of anaerobic generating kits to the Department of Health.

Advt. No. 513. Supply of pharmaceuticals No. 27 to the Department of Health.

Advt. No. 514. Supply of pharmaceuticals No. 31 to the Department of Health.

Advt. No. 525. Supply of putty and glass 1986 to Government Departments and Parastatal Bodies.

Advt. No. 526. Supply of kits to detect human T-Lymtotropic virus type 3 to the Department of Health.

Advt. No. 527. Supply of enzyme immuno assay kits to the Department of Health.

Advt. No. 528. Supply of chalk and blackboard paint to the Department of Education.

Advt. No. 533. Printing of Tombola tickets — Public Lotto Department.

Advt. No. 535. Supply of photopolymer equipment to the Information Division.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 516. Provvista ta' żebgħa li tiflaħ l-ilma baħar għal *patrol boats* lill-Forzi Armati ta' Malta.

Avviż Nru. 517. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 32 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 543. Provvista ta' pitazzi lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Avviż Nru. 544. Provvista ta' *kiosks* ta' l-aluminju lid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 529. Provvista ta' *spherical cases* għat-tlugħ tal-Lottu lid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, id-29 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 534. Provvista ta' vetturi tal-militar lit-Task Force.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Ottubru, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 537. Provvista ta' krozzi b'*adjustable elbows* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' November, 1985, għal:—**

Avviż Nru. 545. Provvista ta' *diagnostic reagents strips* Nru. 2 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 546. Provvista ta' mustardini Nru. 1 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kondizzjonijiet u dokumenti oħra rilevanti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tat-Teżor, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn il-8.30 a.m. u nofs in-nhar.

L-24 ta' Settembru, 1985

* * *

## AVVIŻ TAT-TEŻOR

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-TLIETA, l-1 ta' Ottubru, 1985, l-*Accountant General* u d-Direttur tal-Kuntratti, It-Teżor, il-Furjana, jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin għal:—

Kwot. Nru. 24/85. Provvista ta' *diagnostic reagents* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

